Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

Appell Numru 4/2017

Josephine Mifsud

Vs

Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Sentenza 15 ta' Frar 2018

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Dan huwa appell mid-Deċiżjoni tal-Kummissarju appellant tas-17 ta' Lulju 2017 li permezz tagħha hija talbet lil Ministeru tal-Edukazzjoni u xogħol sabiex jipprovdilha " a copy of the documents former QAU Head provided to QAC of NHCHE under Kap 496 Freedom of Information Act. L-appellanti tikkontenti li hija għamlet tlett talbiet u t-tlieta ġew miċħuda mil-Kummissarju appellat.
Fir-risposta tiegħu l-Kummissarju appellat wieġeb li l-appellanti qed tappella biss mil-ewwel talba tagħha liema talba ma tistgħax tiġi milqugħa taħt il-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-awtorità pubblika konċernata ma għandha ebda dokument jew informazzjoni li qed titlob l-appellanti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 li permezz tiegħu l-appellanti ċċarat li l-appell tagħha huwa bażat fuq l-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissarju li ma għandhiex d-dokumenti li hija talbet hija waħda mhux korretta u għalhekk qed tibbaża l-appell tagħha fuq l-artiklu 49 (2) tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-atti kollha esibiti.

Ikkunsidra:
Li dan l-appella l-appellanti qed tibbażah fuq l-artiklu 49 (2) tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta però li t-talba li l-appellanti qed tagħmel hija a bażi tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk l-appell tagħha huwa bażat mil-artikolu 40 tal-istess Kap li jittratta dwar appelli minn deċiżjonijiet msejsa taħt dan il-Kap u mhux fuq l-artikolu 49(2) tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hija qatt ma għamlet ebda talba taħt dan il-Kap.
Illi l-appellanti tikkontendi li mhux minnu li l-NHCHE recte NCFHE cioe n-National Commission for further and Higher Education ma għandhiex id-dokumenti li hija qed titlob u preżentat Dok JM1 u Dok JM2 biex tipprova dan. U l-parti li hija għamlet highlighted bl-isfar fl-email tas-16 ta' Ottubru 2014 mibgħuta minn ċertu Alexander Spiteri, Direttur, Quality Assurance fl-istess Kummissjoni u li tgħid: "I refer to your complaint made to the quality Assurance Committee of the NCFHE as per your email communication of the 13th of June 2014.

We have reviewed, again all the pertinent documentation, including all the documentation that you submitted.", li skond l-appellanti hija l-prova li l-Kummissjoni għandha dak li qed titlob u cioe, " a copy of the documents former QAU head provided to QAC of NHCHE", haġa li l-istess kummissjoni dejjem ċaħdet li għandha. Dok JM2 hija r-risposta tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol għat-talba tal-appellanti ta' kopja tad-dokumenti li qed titlob.

Illi dan l-appell ma jistgħax jassumi xejn u jista' joqgħod biss fuq l-provi prodotti u mil-provi prodotti jirrizulta li n-National Commission for further and Higher Education għandha "all the pertinent documentation, including all the documentation that you submitted".

Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi billi jilqa' limitatament l-appell tal-appellanti fis-sens li hija għandha tingħata "all the pertinent documentation, including all the documentation that you submitted" li l-istess National Commission for further and Higher Education fliet sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina

Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

Membru